MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Numru 548/2000

**Il-Pulizija
(Spettur illum
Supretendent Pio Pisani)**

**Vs**

Steve Vassallo
Elsa Mallia

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat Steve Vassallo ta' karta ta' identita' numru 162975(M) u Elsa Mallia ta' karta ta' identita' numru 584277(M) fuq l-akkuzi, talli:

1) F'dawn il-gzejjer, f'San Pawl il-Bahar, nhar is-19 ta' Awissu, 1998, ghal habta ta' l-4:00 a.m. ikkommettew serq ta' zewg outboards (accessorji tal-bahar) li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn Lm1000 (elf lira Maltin)

ghad-detriment ta’ l-Imhallef Dr Franco Depasquale LL.D. u ta’ John Bonnici, minn fejn kienu sorguti fil-bajja maghrufa bhala Melqa tal-Gilwi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, u valur u dan bi ksur ta’ l-Artikolu/i 261 (b)(c)(e)(f), 263, 264, 267 u 269(e) u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistaw b’reat jew xjentement b’kull mod li kien indahlu biex ibieghawhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3) Akkuzati wkoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamlu hsara ta’ aktar minn Lm50 lira Maltin ghad-detriment ta’ l-Imhallef Dr Franco Depasquale LL.D. u John Bonnici, izda mhux aktar minn Lm500 lira Maltin u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4) Nakkuza lil Stephen Vassallo li sar recidiv b’sentenzi li saru definittivi, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Awla 5, nhar il-5 ta’ Novembru, 1993 u sentenzi ohra moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell nhar is-17 ta’ Lulju, 1998.

Rat folio 131 l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom baghat l-imputati sabiex jigu gudikati minn dina l-Qorti que Qorti tal-Magistrati ta’ Gudikatura Kriminali ai termini tal-Artikolu tal-ligi hemm citati.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kelliex aktar provi x’tipproduci u l-imputati jaghtu l-kunsens taghhom sabiex il-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali, l-imputati huma akkuzati, b'serq aggravat bil-mezz, hin u valu, b'ricettazzjoni u bi hsara volontarja. L-imputat Steve Vassallo hu wahdu wkoll akkuzat ta' recediva u li kien gja qabel instab hati ta' dan l-istess reat ta' serq. Mill-provi, jirrisulta wisq car li l-imputati kienu tnejn minn tlett persuni li fis-19 ta' Awissu 1998 serqu zewg muturi "outboards" minn zewg dghajjes rispettivi li kienu ormeggjati fil-Menqa f'San Pawl il-Bahar. Kemm il-fatt tas-serq u l-involviment taz-zewg imputati jirrisulta pruvat kemm mix-xhieda tas-Supretendent Pio Pisani u l-istqarrija ta' Steve Vassallo esebita in atti ghal dak li jirrigwarda l-involviment tieghu. Issa l-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale, li kien is-sid ta' wiehed mill-muturi, meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti spjega li wara li kien insteraqlu l-mutur f'dik il-gurnata u hin li hemm indikat fl-akkuza, u kien irrimpjazzah b'iehor, fl-istess perjodu u f'temp ta' ftit gimghat wara, il-mutur li kien rama fuq id-dghajsa tieghu rega gie misruq ghall-darbtejn ohra. Issa fil-waqt li l-akkuza hija specifika u tikkoncerna biss l-ewwel serqa, din il-Qorti ghandha d-dubbju taghha li risponsabbli ghas-serq sussegwenti tal-mutur regghaw kienu l-imputati, madanakollu u f'kull kaz m'ghandha lanqas l-icken prova fuq daqshekk. Intant u indipendentement minn dan hu car li hi l-akkuza ta' serq kif dedotta fl-akkuza li tipprevali u li l-akkuza ta' ricettazzjoni ghandha tigi konsegwentement skartata.

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-aggravi tas-serq dawn ukoll jirrisultaw minghajr ombra ta' dubju.

Ikkonsidrat dwar il-hsara volontarja li mill-provi ma jirrisultax li kienet giet imwettqa xi hsara u dan oltre l-fatt li dawn l-istess muturi, li jikkostitwixxu l-meritu ta' dina l-kawza, gew fil-fatt restitwiti.

Illi fil-konfront ta' l-imputazzjonijiet diretti kontra l-imptuat Steve Vassallo wahdu dawn jirrisultaw jekk xejn mis-sentenza tal-5 ta' Novembru, 1993 moghtija minn dina l-Qorti diversament preseduta u esebita in atti.

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi:

1) fil-konfront ta’ Elsa Mallia issibha hatja ta’ l-ewwel akkuza. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 265, 267, 270, 278(2)(3), 279(a), 280(1) u 31 tal-Kap 9 u tiddecidi wara li rat l-fedina penali netta taghha li tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma tghamilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum.

2) fil-konfront ta’ Steve Vassallo issibu hati tal-ewwel u r-raba akkuza oltre li taht l-Artikolu 289 tal-Kap 9. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 265, 267, 270, 278(2)(3), 279(a), 280(1), 49, 50, 289 u 31 tal-Kap 9. Rat il-fedina penali xejn felici li wkoll turi li dan l-imputat kien gja akkuzat b’serq. Tiddecidi fic-cirkostanzi, li tikkundannah sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------